MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 330/2006

**APS Bank Ltd (C2192)**

**Vs**

**Anelika Turnkey Contractors Ltd. (C29474), u b'digriet tat-Tribunal tat-30 ta' Mejju 2006 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li mal-kliem "Anelika Turnkey Contractors Ltd" jizdiedu l-kliem "gia CVB Travel Ltd" u Carmvic Buontempo (I.D. 122869M) fil-kapacita' tieghu ta' garanti solidali ta' l-istess Anelika Turnkey Contractors Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' April 2006, li permezz tieghu l-Bank attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti Anelika Turnkey Contractors

Ltd. u Carmvic Buontempo fil-kapacita` tieghu ta’ garanti solidali ta’ l-istess Anelika Turnkey Contractors Ltd. sabiex ihallsu s-somma komplessiva ta’ elf, mitejn u sitt Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1,206.55), u cioe` s-somma ta’ elf, mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,175.63) rapprezentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-‘*Current Account’* numru : tnejn zero zero zero zero tnejn zero sebgha wiehed tmienja tnejn (20000207182), flimkien mas-somma ta’ tletin Lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm30.92) rapprezentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-‘*Interest Disposal Account’* numru : tnejn zero zero zero zero tlieta sebgha tlieta tnejn tlieta tnejn (20000373232) u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-‘*Current Account’* numru : tnejn zero zero zero zero tnejn zero sebgha wiehed tmienja tnejn (20000207182) mill-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittri legali datati tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru 2005, ta’ l-ittri gudizzjarji datati l-ewwel (1) ta’ Frar 2006, u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan l-Avviz;

Ra illi s-socjeta` konvenuti Anelika Turnkey Contractors Ltd (C29474) u l-konvenut Carmvic Buontempo gew debitament notifikati, anke bl-Avviz kif korrett bid-digriet tat-Tribunal tat-30 ta’ Mejju 2006 ;

Ra illi l-istess konvenuti la rrispondew u lanqas dehru ghas-seduti sussegwenti ghan-notifika ;

Ra n-nota tal-Bank attur tas-16 ta’ Ottubru 2006 li permezz taghha l-Bank attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta’ tlett mija u sitt Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm306.55) stante pagament da parti tal-konvenuti fil-mori tal-kawza fis-somma ta’ disa mitt Liri Maltin (Lm900) akkont tal-bilanc dovut, u zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjes u l-imghaxijiet ;

Sema` x-xhieda ta’ Sharon Azzopardi in rapprezentanza tal-Bank attur moghtija fis-16 ta’ Ottubru 2006 li permezz taghha ikkonfermat illi l-Bank attur fadallu jiehu s-somma

ta’ tlett mija u sitt Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm306.55).

Ra’ d-dokumenti esebiti mill-istess Bank attur;

Ikkunsidra illi t-talba attrici mhix opposta mill-konvenuti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, billi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Anelika Turnkey Contractors Ltd (C29474) gia CVB Travel Ltd u lill- konvenut Carmvic Buontempo fil-kapacita` tieghu ta’ garanti solidali ta’ l-istess Anelika Turnkey Contractors Ltd gia CVB Travel Ltd, flimkien u in solidum bejniethom, is-somma ta’ tlett mija u sitt Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm306.55) kif mitlub fl-Avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------